# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 8**

**Rikors numru 765/14/1 AE**

**Raymond Cutajar**

**v.**

**Patricia Cutajar**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Ottubru, 2015 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellata") u ċaħdet it-talbiet tal-attur (minn issa 'l hemm

imsejjaħ "l-appellant") u ordnat li l-appellata terfa' ħamsa fil-mija (5%) tal-ispejjeż tal-kawża filwaqt li l-appellant iħallas il-bqija ta' dawk l-ispejjeż;

2. L-appellant kien fetaħ din il-kawża biex jattakka s-siwi ta' provvediment mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-24 ta' Jannar, 2014, fuq talba magħmula mill-appellata f'Diċembru tal-2013, li bih ordnat it-tneħħija (żgumbrament) tal-appellant minn post li, sa qabel ma nfirdu personalment, kien id-dar taż-żwieġ tagħhom. Fetaħ dik il-kawża wkoll biex jattakka s-siwi ta' żewġ digrieti oħrajn mogħtija wieħed fit-3 ta' Ġunju, 2014 (li bih dik il-Qorti ordnat id-dħul tal-appellata fil-post bl-isgass) u ieħor tat-22 ta' Lulju, 2014 (li bih dik il-Qorti ċaħdet talba tal-appellant biex tħassar l-ordnijiet mogħtija fiż-żewġ provvedimenti ta' qabel). Il-firda personali tagħhom kienet regolata b'sentenza li fiha l-imsemmi post kellu jibqa' taż-żewġ miżżewġin b'dan li kellu jinbiegħ fuq is-suq ħieles bi prezz ta' mhux anqas minn mitejn u għaxart elef euro (€ 210,000) u d-dħul minnu jinqasam bejniethom. Huwa jgħid li l-provvedimenti mogħtija ma jiswewx billi jqis li l-kwistjoni li dwarha ngħataw kienet waħda li skont il-liġi toħroġ lil hinn mis-setgħat tal-Qorti li tathom, billi l-post ma kienx għadu aktar id-dar taż-żwieġ, iżda kien sar ġid komuni regolat bil-liġi ċivili ġenerali;

3. L-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha billi għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

"*B'din il-kawza l-attur talab lill-qorti sabiex thassar digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li bih gie ordnat jizgombra minn gewwa l-fond Waterfalls, Ghajn Kajjet, Rabat, Malta (digriet tat-3 ta' Gunju 2014).*

*"Fil-qosor 'il fatti huma:-*

*"1. B'sentenza tal-Qorti civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawza* **Patricia Cutajar v. Raymond Cutajar** *(144/2010AL) tal-4 ta' Dicembru 2012 giet ippronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Cutajar. Fis-sentenza l-qorti ordnat li d-dar Waterfalls, Ghajn Kajjet, Rabat, Malta, li xtraw qabel iz-zwieg, tinbiegh fis-suq ghall-prezz ta' €210,000 u r-rikavat jinqasam bejniethom. Is-sentenza hi gudikat.*

*"Fil-5 ta' Dicembru 2013 il-konvenuta pprezentat rikors fejn talbet lill-qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut jizgombra minn gewwa l-fond peress li kien qieghed jostakola l-bejgh tal-fond. L-attur ma wegibx u b'digriet tal-24 ta' Jannar 2014 il-qorti laqghet it-talba.*

*"B'rikors prezentat fl-14 ta' Mejju 2014 il-konvenuta talbet lill-Qorti Civili, (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tawtorizza l-izgass sabiex jitwettaq id-digriet tal-4 ta' Dicembru 2012. B'digriet tat-3 ta' Gunju 2014 il-qorti laqghet it-talba wara li l-qorti qalet li l-attur ma wegibx ghar-rikors.*

*"Fis-17 ta' Gunju 2014 l-ordni tal-qorti twettqet.*

*"L-attur ippropona rikors fejn talab lill-qorti biex thassar id-digriet tal-24 ta' Jannar 2014 (fol. 25). It-talba kienet bazata fuq il-premessa li: "…. huwa koproprjetarju ta' l-istess dar u billi huwa ilu separat minn martu ghal zmien konsiderevoli din id-dar bl-ebda sforz ta' l-immaginazzjoni ma tista' tigi kkunsidrata bhala d-dar matrimonjali billi l-mara tieghu ghandha r-residenza taghha banda ohra". Inoltre qal li zgumbrament jista' jigi ordnat wara kawza li ssir kontra tieghu u mhux b'semplici rikors. B'digriet tat-22 ta' Lulju 2014, il-qorti cahdet it-talba.*

*"L-ilmenti tal-attur huma tnejn:-*

*"(i) Il-gurisdizzjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) hi determinata f'regolament 4 tal-Ligi Sussidjarja 12.19. L-ordni ta' zgumbrament ma kinitx taqa' fil-gurisdizzjoni tal-qorti;*

*"(ii) Is-sentenza tal-4 ta' Frar* [***recte: Diċembru***] *2012 qatt ma cahdet lill-attur milli jgawdi hwejgu bhala koproprjetarju. Ghalhekk l-izgumbrament ma kienx mehtieg.*

*"Il-qorti rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet.*

*"Il-qorti tosserva:-*

*"1. Fl-ewwel lok l-attur ma kellux bzonn li jiddikjara a bazi ta' liema provvediment tal-ligi ppropona din il-kawza[1]. Mir-rikors guramentat hu evidenti li ppropona din il-kawza ghaliex jikkontesta digrieti li nghataw mill-Qorti Civili, (Sezzjoni tal-Familja) tal-24 ta' Jannar 2014, 3 ta' Gunju 2014 u 22 ta' Lulju 2014.*

*"2. Regolament 4 tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Civili jipprovdi liema huma l-kawzi li jigu assenjati lill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja (L.S. 12.19).*

*"Pero f'dan il-kaz il-konvenuta ma ppropon ietx kawza izda rikors fl-atti tal-kawza deciza fl-4 ta' Dicembru 2012. Dan ir-regolament m'ghandu x'jaqsam xejn mad-digriet tal-24 ta' Jannar 2014 u d-digrieti l-ohra li l-attur qieghed jikkontesta b'din il-kawza. L-ordnijiet li jinghataw fil-kors tal-ezekuzzjoni ta' sentenza jridu ovvjament jinghataw mill-qorti li tkun tat is-sentenza.*

*"Issir ukoll riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza* ***Carmelo Gauci Bianchi v. Emanuele Sultana*** *(10 ta' Dicembru 1951, Volum XXXV.i.232):-*

> *"Illi huwa principju accettat mid-dottrina li kwalunkwe kontroversja li tista' tqum dwar l-ezekuzzjoni ta' sentenza ghandha tigi deciza mill-enti gudizzjarja li jkun gie nvestit mill-ligi bil-poter kompetenzjali sabiex jaghti kors ezekuttiv ghal dik l-istess sentenza; u dana ghar-raguni li kwalunkwe kwistjoni, anki ta' meritu, li tkun, biex hekk inghidulha, imlaqqma mill-istess gudizzju jew procediment ezekuttiv, in kwantu l-istess tkun intiza sabiex tohloq ostakolu ghall-prosekuzzjoni tieghu, u kwindi mhabba dak l-innest, l-istess tidhol fil-kompetenza ta' dak l-istess gudikant jew tribunal li jkollu biss l-awtorita li jordna l-ezekuzzjoni.* ***Del resto jinghad ukoll li min ghandu s-setgha jaqta' l-kwistjoni principali u jordna l-ezekuzzjoni tad-decizjoni tieghu, ghandu wkoll ikollu logikament il-poter li jara li l-istess decizjonijiet ma jkunux imfixkla fl-ezekuzzjoni taghhom u konsegwentement ghandu jiddirimi kwalunkwe ostakolu li jinholoq fl-andament u fil-kors ta' l-attijiet kompetenzjali tieghu****. Fi kliem iehor l-ostakolu ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza huwa ncident ta' l-istess ezekuzzjoni, u kwindi jidhol fil-komptenza ta'' l-enti gudizzjarju li jkun emanah fuq l-awtorita' tieghu, cjoe' li jkun hareg dak l-att ezekuttiv; b'mod li jekk l-opposizzjoni tkun valida, huwa ghandu jintratteniha, mentri ghall-kuntrarju, jekk tkun bla bazi, ghandu jirrafforza l-ezekuzzjoni tal-gudikat tieghu".*

*"Inoltre m'huwiex kontestat li l-fond in kwistjoni kien id-dar matrimonjali. Skond l-Artikolu 55A(b) tal-Kodici Civili qorti tista' tordna:*

> *"li d-dar taż-żwieġ għandha tinbiegħ, fejn tkun sodisfatta illi ż-żewġ partijiet u uliedhom ser ikollhom akkomodazzjoni oħra xierqa, u li r-rikavat tal-bejgħ għandu jiġi assenjat lill-partijiet kif il-qorti jidhrilha xieraq".*

[1] Ara l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta.

*"Hu veru li dan il-provvediment jipprovdi li din it-tip ta' ordni tinghata fuq talba ta' wahda mill-partijiet u ma jirrizultax jekk fil-kawza tas-separazzjoni kienx hemm xi talba simili. Pero' jibqa' 'l fatt li l-ordni li jinbiegh il-fond Waterfalls, Ghajn Kajjet, Rabat tifforma parti minn sentenza li hi res judicata.*

*"3. Ghalkemm l-attur huwa koproprjetarju tal-fond flimkien ma' martu, pero' hu minnu wkoll li hemm sentenza ta' qorti, li hi res judicata, li ordnat li l-fond jinbiegh fis-suq ghall-prezz ta' €210,000. Id-digriet tal-24 ta' Jannar 2014 kien mehtieg sabiex tkun tista' tigi ezegwita s-sentenza tal-qorti. Il-konvenuta rrakontat dwar l-ostakoli li qieghed jaghmel zewgha fit-tentattivi taghha sabiex issib il-bejgh tal-fond (ara paragrafi 7, 8 u 9 tal-affidavit a fol. 75). Verzjoni li m'hijiex kontradetta. Hu evidenti li r-ragel kien ikkappara d-dar ghall-uzu tieghu u m'ghandux ghaggla li tinbiegh. Anzi jidher li l-interess tieghu hu li kemm jista' jkun itawwal il-process. Tant dan hu minnu li wasal biex jargumenta li l-kuraturi nominati mill-qorti m'ghandhomx il-poter li jiffirmaw il-konvenju ghaliex fil-parti dispozittiva tas-sentenza nghad li l-kuraturi qeghdin jigu nominat "…. fl-eventwalita' li ma jidhirx fuq l-att ta' trasferiment" (fol. 44)[2]. Argument li fil-fehma tal-qorti huma banali u anzi juri b'liema animus qieghed jagixxi l-attur.*

*"4. Bl-agir tieghu l-attur qieghed jistultifika li titwettaq is-sentenza tal-qorti. Hu ovvju li l-presenza tieghu fid-dar isservi biss biex tgerrex xerrejja prospettivi. Dan m'ghandux ikun. Qorti ghandha l-poter li taghti dawk l-ordnijiet li tqies li huma mehtiega sabiex titwettaq is-sentenza. L-agir tal-attur hu sfida ghall-ordni tal-qorti. Min qieghed jaghmel hazin ikun qieghed jinghata l-ghodda biex ikompli jaghmel il-hazin jekk kellu jigi deciz li l-konvenuta kellha tipproponi kawza ohra biex zewgha jinhareg mid-dar. Dan m'huwiex il-mod kif tigi amministrata l-gustizzja.*

*"5. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur argumenta li l-konvenuta kellha rimedji ohra x'setghet titlob, bhal li tigi awtorizzata ddahhal xerrejja prospettivi jaraw il-fond, "[….] liema talba setghet forsi b'xi mod tigi kkunsidrata bhala ordni ta' ezekuzzjoni tal-istess sentenza……". L-attur qieghed jaccetta li hemm ordnijiet li jistghu jinghataw mill-qorti ntizi sabiex is-sentenza tkun tista' tigi ezegwita, izda hu tal-fehma li gialadarba kien hemm rimedji mhux daqstant drastici allura l-konvenuta kellha tfittex ghal dawk ir-rimedji. Il-qorti ma taqbilx. Hi parti li taghzel x'tip ta' rimedju titlob u mbaghad il-qorti trid tiddeciedi tilqax it-talba.*

*"6. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur qal li qatt ma nghata dettalji dwar il-bejgh prospettiv. F'dan ir-rigward m'hemmx provi. F'kull kaz kieku kkomporta ruhu b'edukazzjoni u genwinament kellu nteress li l-fond jinbiegh, kien jinghata t-taghrif meta martu hadet xerrej prospettiv biex jara d-dar. Pero' hu evidenti li addotta atteggament ostili bil-ghan li jgerrex lix-xerrej prospettiv.*

---

[2] Ara ittra legali datata 17.9.2014 (fol. 105).

*"7. Fin-nota ta' sottomissjonjiet l-attur ippropona argument gdid li ma jissemmiex fir-rikors guramentat, fis-sens li mandat ta' zgumbrament jista' jinhareg biss wara sentenza li tordna l-izgumbrament u s-sentenza tal-4 ta' Frar 2012 ma fihiex ordni li l-attur jigi zgumbrat minn gewwa l-fond komuni. Kawza ghandha tigi deciza a bazi tal-kawzali li hemm fir-rikors guramentat u mhux a bazi ta' argumenti godda li attur jipproponi f'nota ta' sottomissjonijiet. F'kull kaz is-sentenza tas-separazzjoni hi titolu ezekuttiv. F'dan il-kaz hu evidenti li l-qorti apprezzat li minhabba l-agir tal-attur, sabiex tkun tista' tigi ezegwita s-sentenza tal-4 ta' Frar 2011* [***recte*: 4 ta' Diċembru, 2012**] *kien mehtieg li l-attur jigi zgumbrat mill-fond. Il-probabilita' hu li xerrej prospettiv m'huwiex ser jixtri d-dar ladarba jirrizultalu li ser ikollu joqghod jipproponi kawza sabiex wara li jixtri jiehu l-pussess tal-fond. Kif osservat il-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet id-digrieti huma wkoll titolu ezekuttiv (Artikolu 253(a) tal-Kap. 12). Id-digrieti li nghataw mill-qorti kienu l-mezz sabiex jigi zgurat l-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-4 ta' Dicembru 2012.*

*"8. Fir-rigward tat-tieni lment tal-attur, il-komunjoni m'hijiex xi cavetta sabiex koproprjetarju juza' l-proprjeta kif irid. Hu veru li l-Artikolu 491 tal-Kodici Civili jipprovdi li koproprjetarju jista' jinqeda bil-haga in komun, pero' jipprovdi wkoll li* ***basta****:-*

*"(a) li jinqeda bil-ħaġa skont id-destinazzjoni tagħha kif stabbilita bl-użu;*

*"(b)* ***li ma jinqediex bil-ħaġa kontra l-interess tal-komunjoni, jew b'mod li ma jħallix lill-komproprjetarji l-oħra jinqdew biha in komun skont il-jeddijiet tagħhom****.*

*"L-agir tal-attur hu proprju l-oppost ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 491(b) tal-Kodici Civili. Illum hemm res judicata, u li fiha hemm ordni li l-fond ghandu jinbiegh. L-ostakoli li qieghed jaghmel l-attur, ghaliex ovvjament kien komdu jibqa' jghix fid-dar, imorru kontra dak li jiddisponi l-Artikolu 491(b) tal-Kodici Civili. Il-konvenuta ghandha jedd li tizgura li tigi ezegwita s-sentenza tal-4 ta' Frar* [***recte:* Diċembru**] *2012. Ghaldaqstant l-attur ma jistax jinqeda bl-argument li bhala koproprjetarju ghandu dritt li jaghmel uzu mid-dar sakemm tinbiegh."*;

4. L-appellant ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u b'Rikors tal-Appell imressaq fit-30 ta' Ottubru, 2015, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar is-sentenza appellata u biex, minflok, tilqa' t-talbiet kollha tiegħu u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontriha;

5. L-appellata laqgħet għall-appell b'Risposta mressqa fl-20 ta' Novembru, 2015, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, qalet li din il-Qorti jmissha tiċħdu, u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li ladarba l-imsemmi appell kien wieħed fieragħ imissha tordnalu jħallas l-ispejjeż doppji kif jgħid l-Artikolu 223(4) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-10 ta' Novembru, 2020, f'liema data ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

7. Rat l-atti kollha tal-kawża u atti oħrajn rilevanti;

***Ikkonsidrat:***

8. Illi l-qofol ta' din il-kawża jirrigwarda l-kompetenza ta' qorti *ratione materiae* u, bħala tali, hija kwistjoni ta' ordni pubbliku li l-qorti nnifisha tista' saħansitra tqajjem minn rajha[3] u jmissha tkun determinata u deċiża b'kap għaliha taħt piena ta' nullità[4], imqar jekk ukoll fis-sentenza aħħarija[5];

9. Illi l-**aggravji** mressqa mill-appellant mis-sentenza appellata jinbnew fuq id-dikjarazzjoni li l-ewwel Qorti ma għarfitx tifhem x'kien il-

[3] App. Inf. PS **12.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Pisani v. Anthony R. Pisani***
[4] App. Inf. PS **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Evelyn Busuttil v. Frances Borġ***
[5] Art. 730 tal-Kap 12

"pern tal-vertenza" tal-azzjoni mibdija minnu. Fl-ewwel lok, jgħid li t-talba li għamlet l-appellata lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) biex tordna t-tneħħija tiegħu mill-post ma kinitx talba għall-eżekuzzjoni tas-sentenza li dik l-istess Qorti kienet tat fl-4 ta' Diċembru, 2012, li biha irregolat il-firda personali bejn il-miżżewġin Cutajar, għaliex dik is-sentenza mkien ma kienet iddisponiet li l-appellant kellu joħroġ mill-post u l-eżekuzzjoni ta' sentenza tista' tintalab u ssir biss dwar dak li s-sentenza tkun qatgħet. Fit-tieni lok, l-appellant jgħid li l-ewwel Qorti naqset ukoll li tagħraf li s-sentenza tal-firda personali kienet ordnat il-bejgħ tal-post imma ma żammet lil ebda parti milli tibqa' tgħix fih sa ma jinsab xerrej, u għalhekk il-provvedimenti li ngħataw mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) safejn jirrigwardaw it-tneħħija mill-imsemmi post ukoll jeżorbitaw min-natura ta' ordnijiet li joħorġu mill-istess sentenza jew li jirregolaw l-ottemperanza tal-partijiet magħha. Fit-tielet lok, u b'xebh ma' dak li jingħad fl-ewwel parti tal-aggravju, l-appellant jgħid li l-ewwel Qorti ma tatx każ l-argument tiegħu li Mandat ta' Żgumbrament jista' jinħareġ biss wara li tkun ingħatat sentenza li tkun ordnat it-tneħħija tal-parti mill-immobbli mertu tal-każ deċiż, u li dan l-argument kien ilu jagħmlu sa mill-ftuħ tal-kawża u mhux biss, kif qalet l-ewwel Qorti, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Fir-raba' lok, l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma qisitx "fil-fond biżżejjed il-fatt li din il-vertenza tittratta evizzjoni minn fond li ma kienx għadu d-dar matrimonjali" u li għalhekk, fiż-żmien li ntalbu u ngħataw il-provvedimenti attakkati, kienet biss tista' titqies bħala ġid komuni bejnu u l-appellata

bħalma jitqies ġid ieħor komuni bejn sidien flimkien, u għaldaqstant il-Qorti li tat l-imsemmija provvedimenti ma kellhiex is-setgħa li tagħtihom. Fil-ħames lok, l-appellant jilminta li s-sentenza appellata ngħatat wara li l-appellata tħalliet tressaq att (Nota ta' Replika) li magħha kien hemm mehmużin xi korrispondenza li kienet intbagħtet "*bla preġudizzju*" u li huwa ma kellu l-ebda opportunità li jirribattihom u li ma hemmx dubju li għenu biex l-ewwel Qorti tagħti s-sentenza li tat. Fis-sitt lok, l-appellant jisħaq li l-Artikolu 491(b) tal-Kodiċi Ċivili msemmi mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata ma kellu jidħol imkien f'din il-kwistjoni, billi s-sentenza li irregolat il-firda personali "indirizzat biss is-separazzjoni u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, entro l-parametri tat-talbiet";

10. Illi l-appellata tirribatti wieħed wieħed dawn l-argumenti tal-appellant. Fl-ewwel lok, hija tgħid li r-rikors li hija kienet ressqet f'Diċembru tal-2013 u d-digriet attakkat li ngħata fl-24 ta' Jannar, 2014, għat-tneħħija tal-appellant mill-post saru fl-atti tal-kawża tal-firda personali u bil-għan li titmexxa 'l quddiem is-sentenza li ngħatat f'dik il-kawża. Għalhekk, dak il-provvediment (u l-oħrajn li l-appellant qiegħed jattakka f'din il-kawża) kien il-mod kif is-sentenza kienet eżegwita u bl-ebda mod ma mar lil hinn minn dak li l-Qorti kienet iddisponiet fis-sentenza tal-firda personali, l-aktar meta wieħed iqis l-imġiba tal-appellant wara l-għoti ta' dik is-sentenza u l-bsaten fir-roti li għamel biex il-bejgħ tal-post ma jseħħx. Fit-tieni lok, qalet li l-ordni ta' żgumbrament

tal-appellant mill-post kien il-konsegwenza "neċessarja u anċillari sabiex ikun jista' jsir il-bejgħ tad-dar ordnat fis-sentenza" tal-firda personali. Fit-tielet lok, l-appellata twarrab l-aggravju tal-appellant li jisħaq li l-post li minnu kien tneħħa ma baqax aktar id-dar taż-żwieġ, u tgħid li s-sentenza li biha ngħatat il-firda personali u irregolat ħwejjeġ oħra ma qalitx li dik id-dar kellha tieqaf milli titqies bħala d-dar taż-żwieġ u ma hemm xejn fil-liġi li jgħid meta dar tieqaf milli titqies bħala d-dar taż-żwieġ jew li ż-żewġ miżżewġin iridu bilfors ikunu joqogħdu u jgħixu fiha flimkien biex ikollha dik il-kwalità. F'dan ir-rigward, l-appellata tgħid li l-kwistjoni tal-bejgħ tad-dar taż-żwieġ ordnat b'sentenza tal-firda personali hija sewwasew waħda mis-setgħat li l-liġi tagħti lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)[6]. Fir-raba' lok, it-tismija tal-Artikolu 491 tal-Kodiċi Ċivili mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata saret biex twaqqa' l-argument li kien qajjem l-appellant li d-dar ma kinitx aktar id-dar taż-żwieġ imma ġid miżmum in komun bejnu u l-appellata, u biex turi kif messu ġab ruħu dwar ġid bħal dak. Fil-ħames lok, għar-rigward l-ilment tal-appellant li l-ewwel Qorti kienet ħalliet jitressqu dokumenti mill-appellata wara li kien ingħalaq l-istadju tal-ġbir tal-provi, l-appellata tgħid li dawk id-dokumenti kienu meħtieġa biex iwaqqgħu sottomissjoni tal-appellant li hija kienet qiegħda żżommu fil-għama dwar it-tentattivi ta' bejgħ tad-dar u li din is-sottomissjoni wkoll qajjimha l-ewwel darba fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu u wara li kien ingħalaq l-istadju tal-ġbir tal-provi, u l-ewwel Qorti żgur ma sejsitx ir-

[6] Art. 55A(1)(b) tal-Kap 16 li huwa wieħed mill-artikoli tal-Ewwel Titolu tal-Ewwel Ktieb tal-imsemmi Kodiċi

raġunament tagħha fuq dik is-sottomissjoni, imma fuq elementi legali oħrajn;

11. Illi l-Qorti tqis li ma hemm l-ebda dubju li l-atti li l-appellata ressqet quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) wara li ngħatat is-sentenza tal-firda personali kienu maħsuba biex jirregolaw aspett li kien ordnat b'dik is-sentenza. Jista' jkun ukoll li l-appellata nqdiet b'dawk il-proċeduri għaliex kellha l-fehma li b'dak il-mod kienet qiegħda teżegwixxi l-istess sentenza. Min-naħa l-oħra, l-appellant jgħid li s-sentenza tal-firda personali tgħid dak li tgħid u t-talbiet li saru u l-provvedimenti li ngħataw minn dik il-Qorti wara l-għoti tal-imsemmija sentenza kienu jmorru lil hinn mis-setgħat tagħha u ma kienu bl-ebda mod meqjusa bħala eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija. L-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, qieset li dawk l-atti u kif ukoll il-provvedimenti attakkati mill-appellant kienu tabilħaqq mod ta' kif is-sentenza tal-firda personali setgħet tkun eżegwita u għalhekk kienu jaqgħu sewwasew fis-setgħat tal-Qorti li tat dik is-sentenza;

12. Illi l-aggravju tal-appellant jintrabat mal-argument li s-setgħat tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) huma limitati u ċirkostkritti minħabba li l-liġi nnifisha tgħid li l-kompetenza tagħha hija limitata. Huwa jistrieħ l-aktar fuq id-dispożizzjonijiet tar-regolament 10 tar-Regolamenti dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-

Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja)[7]. Dan ir-regolament (fil-parti rilevanti tiegħu għal dan il-każ) jipprovdi li: "*Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipproċedi quddiem il-Qorti*[8] *fuq is-segwenti – ... (ċ) bidliet f'kull ħaġa regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali; ... dik il-parti għandha, fl-ewwel lok, tippreżenta ...*". L-appellant jisħaq li t-talbiet li għamlet l-appellata biex tordna li huwa jitneħħa mill-post ma jaqgħux taħt id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-regolament għaliex l-iżgumbrament ma kienx parti mis-sentenza tal-firda personali;

13. Illi ma jrid jintesa qatt li l-ġurisdizzjoni ġenerali fi kwistjonijiet ta' xejra ċivili jaqgħu fis-setgħat tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Dan il-fatt jixhed li s-setgħat tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) huma limitati għal dawk espressament mogħtija lilha mil-liġi, u każijiet li ma jaqgħux taħt dawk is-setgħat ma jitqisux aktar tal-kompetenza tagħha, imqar jekk jitnisslu minn ċirkostanzi jew rabtiet ġuridiċi mnissla minn deċiżjonijiet tagħha[9]. Fit-tieni lok, il-kompetenza ta' qorti hija determinata min-natura u mit-termini ta' kif l-azzjoni mressqa quddiemha tkun imfassla[10]. Għalhekk, dan jitlob li l-għażla tal-qorti xierqa li tisma' u taqta' kawża tkun

[7] A.L. 397/03 (L.S. 12.20)
[8] Hawnhekk, ir-riferenza hija għall-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)
[9] Ara, b'eżempju, App. Inf. PS **12.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Salome' Chetcuti v. Jonathan Satariano***
[10] App. Ċiv. **7.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Frankie Refalo noe v. Jason Azzopardi et*** (mhix pubblikata)

determinata minn dak li jkun qiegħed jintalab u mhux mill-qafas li minnha tista' titqanqal il-kwistjoni[11];

14. Illi fil-kawża li l-Qorti għandha quddiemha llum, il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li s-sentenza li ngħatat dwar il-firda personali ma kinitx titkellem dwar it-tneħħija ta' xi waħda mill-partijiet mid-dar taż-żwieġ, kienet titkellem (fost ħwejjeġ oħra) dwar il-bejgħ tagħha bħala parti mil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejn l-appellant u l-appellata. Każ bħal dan huwa regolat taħt is-Sub-Titolu III tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili. Jekk wieħed jgħarbel x'tgħid il-liġi meta tfisser is-setgħat tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)[12], wieħed isib li dik it-Taqsima tal-Kodiċi taqa' taħt is-setgħat hemm imsemmija. Id-diffikultà li tqum hija jekk it-talbiet li ressqet l-appellata wara l-għoti tas-sentenza tal-firda personali u l-provvedimenti attakkati li ngħataw kinux jirrigwardaw "bidliet" f'xi ħaġa regolata minn sentenza ta' firda personali jew jekk kinux biss il-mod tal-eżekuzzjoni tal-istess sentenza;

15. Illi l-Qorti fliet sewwa l-atti li l-partijiet kienu ressqu u li minnhom ingħataw il-provvedimenti llum attakkati mill-appellant u tasal għall-

[11] Ara, b'eżempju, P.A. (Fam) NC **29.5.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Audrey Spiteri v. Anton Spiteri*** (każ ta' tħassir ta' kuntratt ta' firda personali fuq il-kawżali tal-qerq imwettaq mill-parti l-oħra), P.A. (Fam.) NC **21.4.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Sonia Żammit et v. Il-Ministru għall-Politika Soċjali*** (kwistjoni dwar talba ta' aċċess għal wild imqiegħed taħt *Care Order*) u P.A. LFS (*in parte*) **5.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Linda J. Bannell et v. Carmel Camilleri*** (kwistjoni dwar qsim ta'ġid tal-komunjoni tal-akkwisti wara li ż-żwieġ inħall b'degriet ta' divorzju minn qorti britannika) li t-tlieta li huma sabu, għar-raġunijiet imsemmija, li hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li għandha s-setgħa li tismagħhom.
[12] Ara reg. 4 tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili (A.L. 396/03 tas-16.12.2003) (L.S. 12.19)

fehma, bħall-ewwel Qorti qabilha, li dawk il-proċedimenti kienu proċeduri maħsuba biex jirrendu effettiva l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-firda personali f'dak li qalet dwar il-bejgħ ta' dik li kienet id-dar taż-żwieġ. Din il-Qorti taqbel ukoll li kwistjonijiet li jqumu dwar l-eżekuzzjoni ta' sentenza jaqgħu fis-setgħat tal-qorti li tkun tatha. Ma' dan ukoll jiżdied li dik il-qorti jkollha s-setgħa li tara li d-deċiżjonijiet tagħha ma jinġabux fix-xejn bit-tfixkil ta' xi waħda mill-partijiet fl-eżekuzzjoni tagħhom, għaliex xkiel fl-eżekuzzjoni ta' sentenza huwa "inċident ta' l-istess eżekuzzjoni"[13]. Il-mottiv li l-appellata tagħti fir-rikors li ressqet lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma kienx il-fatt li l-appellant żewġha baqa' jgħix fid-dar taż-żwieġ, imma li b'imġibtu kien qiegħed ifixkel jew saħansitra jġib fix-xejn l-ordni mogħti fis-sentenza biex il-post jinbiegħ. L-appellant, dakinhar, għażel li ma jweġibx għat-talba minkejja li l-appellata kienet innotifikatu bir-rikors tagħha. Fil-fehma tal-Qorti, dik il-kawżali taqa' sewwasew fil-qafas ta' kwistjoni dwar l-iffrustrar tal-eżekuzzjoni ta' sentenza. Ġara l-istess ħaġa meta l-appellata ressqet ir-rikors tagħha tal-14 ta' Mejju, 2014, u ngħata l-provvediment tat-3 ta' Ġunju, 2014, dwar it-tneħħija tal-appellant mill-post bi sgass u bl-intervent tal-Marixxall u tal-Pulizija jekk ikun il-każ. Kien biss wara dawn il-ġrajja li l-appellant ipprova jitlob it-tħassir tal-provvedimenti "*contrario imperio*" imma dik il-Qorti ma laqgħetlux dik it-talba;

[13] App. Ċiv. **10.12.1951** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi Bianchi v. Sultana*** (Kollez. Vol: **XXXV.i.232**)

16. Illi fid-dawl ta' din il-kostatazzjoni, din il-Qorti ssib li l-ilmenti tal-appellant fl-aggravji tiegħu mis-sentenza appellata f'dak li jirrigwarda l-jedd tiegħu li jibqa' jgħix fil-post, il-kwistjoni dwar jekk il-post kienx għadu jista' jissejjaħ id-dar taż-żwieġ, il-kwistjoni tat-tressiq ta' provi ġodda mill-appellata wara l-għeluq tal-istadju tal-ġbir tal-provi u l-kwistjoni dwar jekk it-tneħħija mill-post kinitx tagħmel parti mid-dispożittiv tas-sentenza tal-firda personali ma jibdlu xejn mill-fatt li l-provvedimenti attakkati huma ordnijiet li jirrigwardaw l-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija. Ladarba huwa hekk, dawk l-ordnijiet kienu jaqgħu fis-setgħat tal-Qorti li tat dik is-sentenza u dawn l-aggravji tal-appellant – li sostanzjalment iduru mal-kwistjoni tan-nuqqas ta' kompetenza "*ratione materiae*" – jitilfu s-siwi tagħhom;

17. Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ssib li l-aggravji tal-appellant mis-sentenza appellata mhumiex mistħoqqa u mhux se jintlaqgħu;

***Deċide:***

18. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** tal-attur mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Ottubru, 2015, fil-kawża fl-ismijiet premessi u

tikkonfermaha għal kollox, bl-**ispejjeż** taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellant.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Joseph R. Micallef
Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm